# Kulħadd irid jgħix bla biża' fil-ħajja ta' kuljum. Iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea ma rawx gwerer f'pajjiżhom għal dawn l-aħħar sittin sena. L-Unjoni Ewropea trid tkompli tiżgura s-sigurta` tan-nies tagħha.

Il-Grupp Parlamentari tal-Partit tas-Soċjalisti Ewropej



Biex tinforma ruħek iktar dwar il-ħidma tas-Soċjalisti Ewropej fil-qasam tas-sigurta` interna, jekk jogħġbok żur dawn il-websites:

↓

**Grupp PES:**
**http://www.socialistgroup.org**
**PES:**
**http://www.pes.org**







**Kuntatti**
Il-Grupp Parlamentari
tal-Partit tas-Soċjalisti Ewropej,
Parlament Ewropew, Rue Wiertz, B-1047 Brussell
Tel.: +32 2 284 14 40
E-Mail: peswbprogramme@europarl.eu.int

INTSEC - MT
Resp. editor: Christine Verger, PES Group, Wiertz Str., B-1047 Brussels
Design/production: Mostra Communication




**L-Unjoni Ewropea**

↓

## Il-Ħelsien mill-biża'

L-Unjoni Ewropea twaqqfet, prinċipalment, biex iżżomm il-paċi u s-sigurta` wara sekli sħaħ ta' konflitt madwar il-kontinent kollu. Minn meta twaqqfet l-Unjoni Ewropea, it-theddid militari fl-Ewropa naqas. Madankollu, is-sigurta` xorta waħda hija kwistjoni importanti għall-Istati Membri kollha. Is-sigurta` interna fl-Ewropa hija bbażata fuq id-dritt ta' kull ċittadin li jkun ħieles mill-biża'.

Hekk kif iktar u iktar ċittadini Ewropej jiċċaqalqu minn pajjiż għall-ieħor fl-Unjoni Ewropea, l-Unjoni qed taħdem sabiex toħloq qafas ta' kooperazzjoni bejn is-servizzi tad-dwana, il-forzi tal-pulizija u s-sistemi legali. Bis-saħħa ta' proġetti Ewropej kif ukoll ta' fondi mill-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri qed jaħdmu flimkien biex irażżnu l-kriminalita` fil-konfini ta' l-Unjoni Ewropea. Biex tinżamm is-sigurta` interna, l-Unjoni Ewropea tikkoordina wkoll regoli komuni biex tħares il-konfini esterni tagħha.

**Is-Soċjalisti Ewropej**

↓

## Niġġieldu l-Instabilita` u l-Faqar

Is-Soċjalisti Ewropej iqisu l-faqar bħala l-għadu ewlieni tal-paċi. Il-faqar u l-firda ekonomika bejn reġjuni sinjuri u fqar huma kawżi ta' l-instabilita`. L-instabilita` thedded is-sigurta`. Il-ħarsien ta' l-ambjent u l-kunflitti etniċi u reliġjużi huma wkoll meqjusa bħala elementi importanti tal-politika Ewropea dwar is-sigurta`.

Għas-Soċjalisti Ewropej il-politika tas-sigurta` ta' l-Unjoni Ewropea għandha tifsira wiesgħa ħafna. It-theddid ċar għas-sigurta` bħat-terroriżmu, il-kriminalita`, it-traffikar tad-droga u l-gwerer - imma wkoll l-għeruq tal-kawżi tagħhom bħall-faqar, il-ksur tad-drittijiet umani, it-tniġġis ta' l-ambjent, il-kunflitti etniċi u reliġjużi huma elementi ewlenin tal-politika tas-sigurta` ta' l-Unjoni Ewropea.

Bit-tkabbir ta' l-Unjoni, il-politika Ewropea ta' l-ugwaljanza u t-tolleranza, il-ħarsien ta' l-ambjent u l-ġlieda kontra l-faqar ser ikomplu jinfirxu madwar il-kontinent kollu. Is-Soċjalisti Ewropej iqisu t-tkabbir li jmiss bħala pass importanti ħafna fil-ħolqien ta' Unjoni ta' paċi, sigurta` u ġustizzja.

**Vantaġġi għaż-żmien li ġej**

↓

## Il-Kooperazzjoni iġġib is-Sigurta`

L-Unjoni Ewropea twaqqfet biex iżżomm il-paċi u s-sigurta`. It-tkabbir li jmiss ifisser it-tisħiħ tal-paċi u s-sigurta` f'Unjoni iktar wiegħsa. Tul dawn l-aħħar għaxar snin, il-pajjiżi l-ġodda ta' l-Unjoni Ewropea applikaw ħafna mill-miżuri li huma neċessarji biex pajjiż jidħol fl-Unjoni Ewropea u diġa` qed jaħdmu mill-qrib ma' l-Unjoni Ewropea biex jimplimentaw fil-pajjiż tagħhom, in-numru kbir ta' l-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea. Is-sistemi tal-visa u l-kontrolli mal-konfini qed ikunu armonizzati madwar l-Ewropa sabiex il-moviment ħieles ikun dritt taċ-ċittadini kollha ta' Unjoni ikbar.

L-Unjoni Ewropea bħalissa tagħti l-fondi biex tgħin fil-kontrolli tal-konfini u biex trażżan il-kriminalita` u l-immigrazzjoni illegali.

Wara t-tkabbir, il-kooperazzjoni bejn il-pulizija u s-sistemi ġudizzjarji ser tkun imsaħħa biex irażżnu l-kriminalita` bħat-traffikar tad-droga, it-traffikar tan-nies u l-immigrazzjoni illegali.



